# IL-MUSBIEH

ARĠA Numru 1

UNIVERSITY OF MALTA LIBRARY
INSTITUTE OF HEALTH CARE




Purity

SURGICAL COTTON
ATERNITY PADS
ADULT INCONTINENCY DIAPERS
SANITARY TOWELS

PURITY PRODUCTS LIMITED
Head Office: 126, Cross Road, Marsa, Malta.
Tel: 225321, 443407. Fax: 488591.

DANONE

BABY FOOD




*now available locally*

No Artificial Anything ®

**Breast Milk is the ideal food for your Baby**

# IL-MUSBIEĦ

**BORD EDITORJALI:**

| | |
|---|---|
| Edituri: | Tonio Pace |
| | Louise Cini. |
| Set-Up: | Norbert Debono |
| Membri: | David Attard |
| | Lora Pullicino |
| | Tony Borg |

**PUBBLIKAT:**

MALTA UNION OF MIDWIVES AND NURSES
P.O. BOX 23
LUQA, MALTA.

**STAMPAT:**

BETA PRINTERS - ŻEJTUN.

**WERREJ:**


| | |
|---|---|
| *Editorjal* | *Pġ. 3* |
| *Messaġġi* | *Pġ. 4* |
| *L-Effetti tax-Xemx* | *Pġ. 5* |
| *Pressure Sores* | *Pġ. 6* |
| *Il-Kuntatt* | *Pġ. 7* |
| *L-Eżekuttiv tal-MUMN* | *Pġ. 8 & 9* |
| *Fil-ħin liberu* | *Pġ. 10* |
| *Mis-Segretarju Ġenerali* | *Pġ. 11* |
| *Aħbarijiet Ġenerali* | *Pġ. 12* |
| *Ejjew Nidħqu Ftit* | *Pġ. 13* |
| *Il-Ġidri r-Riħ* | *Pġ. 14* |


***IL-QOXRA:***

**Is-Sacra Infermeria l-Belt. Inbniet fl-1574, mill-Gran Mastru Ġwanni L'Evesque de la Cassiere.**

***Ritratt :- D.O.I.***

# SER NASLU ŻGUR !

Il-midwives u n-nurses fehmu sew li hu fl-aħjar interess tagħhom ilkoll li jieħdu rajhom f'idejhom, u ma jibqgħux jibbażaw aktar fuq nies li ma jifhmux f'xogħolhom, biex jirrappreżentawhom fil-kamp trejdunjonistiku. U propju għal din ir-raġuni, li huma ħadu l-pass kuraġġuż li jwaqqfu l-Union tagħhom: Il-Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN).

Minn mindu żammet l-ewwel laqgħa ġenerali tagħha fid-19 ta' Settembru, 1996, l-MUMN tat prova wara l-oħra ta' l-impenn sħiħ tagħha biex tħares l-interessi leġittimi tal-midwives u nurses Maltin kollha. L-ewwel konfrontazzjoni ġiet meta kienet bilkemm għaddiet l-ewwel ġimgħa mill-formazzjoni tal-Union u xi membri ta' l-MUMN inħarġilhom transfer politiku qabel l-elezzjoni ġenerali, fejn l-MUMN, iġġieldet bis-sħiħ biex l-ebda membru ma jservi ta' tapp tas-sufra.

L-MUMN hija kommessa li taħdem bla heda, favur l-kundizzjonijiet xierqa tax-xogħol għall-midwives u nurses. Għan ewlieni ieħor ta' l-Union huwa dak li tara li dawn il-ħaddiema jingħataw ir-rikonoxximent professjonali li jimmeritahom. B'saqajhom ma' l-art, l-MUMN tifhem u tapprezza sew li għadna ferm 'il bogħod minn sitwazzjoni bħal din. Il-liġijiet antikwati, li ħafna minnhom imorru lura għal żminijiet kolonjali, flimkien mal-patrimonju li dejjem kellu l-partit politiku fil-gvern, jagħmlu t-triq aktar diffiċli .

Iżda b'daqshekk m'aħniex ser naqtgħu qalbna. Bl-appoġġ dejjem jikber li qed jingħata lill-Union mill-Midwives u n-Nurses, jimlina bil-kuraġġ u determinazzjoni, għall futur. Fil-ftit xhur li ilha mwaqqfa l-MUMN saret l-akbar għaqda tal-midwives u nurses, fil-pajjiż. Diġa' għandha sole recognition mill-Gvern għall-kategorija tal-midwives. Issa qed titlob li tingħata l-istess rikonoxximent għan-nurses, meta msieħbin magħha għandha wkoll il-maġġoranza assoluta tan-nurses impjegati fis-settur pubbliku.

***Ħbieb ser naslu! Ser naslu żgur!***

*L-Editur.*



UNIVERSITY OF MALTA LIBRARY
INSTITUTE OF HEALTH CARE

# KELMTEJN MILL-PRESIDENT TAL-MUMN

Din l-ewwel ħarġa tal-ġurnal uffiċjali ta' l-Union, għandha sservi biex naslu għal komunikazzjoni aktar effettiva bejnietna l-midwives u n-nurses. Permezz ta' dan il-ġurnal ser inkunu nistgħu naqsmu aħjar il-ħsibijiet u l-ideat tagħna, u b'hekk nistgħu naqblu aktar dwar il-linji ġenerali li għandha titmexxa fuqhom il-union tagħna.

Jiena nikkumpara dan il-ġurnal ma' biċċa għodda, li jekk nużawha tajjeb, għandha tgħinna nkomplu mexjin fit-triq li qbadna. Triq ta' suċċess u li timlina bil-kuraġġ, fejn, fi żmien relattivament qasir il ilha mwaqqfa l-MUMN, diġa' ssieħbu fiha l-maġġoranza assoluta tal-midwives u n-nurses, kemm fis-settur pubbliku u kif ukoll dak privat. Bil-ġurnal tagħna se jkun possibli li jasal aktar il-messaġġ tal-Union, biex b'hekk tkompli tissaħħaħ l-għaqda ta' bejnietna.

Kif wieħed jistenna, dan il-ġurnal ser jipprovdi mezz biex il-midwives u n-nurses ikunu mgħarrfa aktar aħjar, dwar il-ħidma trejdunjonistika li tagħmel l-Union f'isimhom. Iżda, barra minn hekk, l-Union ser tagħti wkoll importanza lid-dimensjoni professjonali, permezz ta' kitbiet li jittrattaw oqsma ta' tagħlim u riċerka relevanti għax-xogħol tagħna.

L-aħħar kelma hija dwar l-isem mogħti lill-ġurnal - 'Il-Musbieħ'. Kif tafu dan huwa apparat pjuttost primittiv ta` illuminazzjoni, li min jaf kemm kien jintuża minn dawk li kienu jduru bil-morda qabel ma kellna n-'night lamps'. Iffakkarna fin-Nurse leġġendarja Florence Nightingale iddur bill-feruti bil-lejl, bil-musbieħ f'idejha, fil-gwerra tal-Krimea. Fil-fatt, il-musbieħ għandu sinifikat importanti, u ntuża f'diversi emblemi t'għaqdiet professjonali għall-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u l-kura. Għalina l-musbieħ jissimbolizza mezz ta' dawl, li f'sens metaforiku jgħin lill-midwives u n-nurses isibu triqthom biex jistgħu jimxu l-quddiem.

***Rudolph Cini.***

# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENTA ONORARJA



Kieku kelli nistaqsik, "Għalfejn tmur taħdem?", nisthajlek tgħidli, "Isbaħ din, mhux biex inkun nista naqla' x'niekol ħa ngħix!", jew taf tgħidli, "biex inkun nista nrabbi l-familja" jew, "biex inkun nista' nixtri karozza". Tabilħaqq, tweġibiet bħal dawn jirriflettu l-għan tax-xogħol, iżda ma jindirizzawx, jew aħjar ma jiddefinixxix l-għan totali tax-xogħol.

Kontu tafu li nqattgħu terz ta' ħajjitna naħdmu, fil-waqt li l-mara tad-dar tqatta' anke aktar minn hekk? Ma' dan il-ħin ma rriddux ninsew inżidu l-ħin li nqattgħu nippreparaw għax-xogħol, u l-ħin li nqattgħu naħsbu u niddiskutu fuq dan l-imbierek xogħol, wara li suppost inkunu spiċċajna minnu. Mela, fi kliem ieħor jiena żgura li taqblu miegħi meta ngħid li aħna niddedikaw porzjon sostanzjali minn ħajjitna propju għax-xogħol. Għalhekk, hawnhekk ta' min jenfasiżża kemm huwa mportanti li nkunu kuntenti u għal qalbna fuq il-post tax-xogħol. Tassew, huwa ix-xogħol li magħmul għal bniedem, u mhux il-bniedem għax-xogħol. Ix-xogħol għandu jkun mezz fejn iħallina nesprimu lilna nfusna, mezz fejn inkunu nistgħu nkomplu niżviluppaw, nimmaturaw, u fuq kollox għandu jagħtina dak iċ-ċertu sodisfazzjon u tifsira f'ħajjitna.

L-għejja u s-sagrifiċċju jimxu id f'id mad-dinja tax-xogħol. Qatt irrejalizzajtu li hija dik l-istess għejja u sagrifiċċju li wara kollox jagħmluha possibli li nkunu nistgħu napprezzaw verament dawk il-mumenti ta' mistrieħ? Ċertu wieħed Jerome K. Jerome jgħidilna hekk: "It is impossible to enjoy idling thoroughly unless one has plenty of work to do." Huwa kemm jista' jdum jieħu pjaċir il-bniedem ma jagħmel xejn? Fl-aħħar tixba'. Fl-aħħar il-pjaċir jingħasar u jħalli biss warajh in-nixfa u l-għatx għax-xogħol.

Jekk ix-xogħol huwa daqshekk importanti, l-mistrieħ xejn inqas. Is-sigriet huwa hawnhekk - trid toħloq il-bilanċ bejn it-tnejn. Dan il-bilanċ tista toħolqu inti biss, għaliex kull bniedem hu magħmul differenti bi ħtiġijiet differenti. Għalhekk f'dan ir-rigward huwa mportanti li nkunu kapaċi nifmhu lilna nfusna. B'hekk biss, jista' jkollna viżjoni aħjar ta' xi jfisser ix-xogħol għalina.

***Antoinette Calleja.***

# L-EFFETTI TAX-XEMX

**F'Malta l-inċidenza tal-kanċer tal-ġilda qegħeda dejjem tiżdied. L-istatistika miġbura mid-dipartiment tal-Health Information turi li l-1996, (provisional) każi godda ta' melanoma (kanċer tal-ġilda) kien hemm 19; 9 rġiel u 10 nisa. Huwa magħruf li r-raġġi tax-xemx imsejħa "ultraviolet" (uv) huma responsabbli għal ħafna ħsara li ssofri l-ġilda speċjalment fejn jidħol il-kanċer tal-ġilda.**




*Sina Bugeja*
*MSc (Wales)*


## X'JIKKAWŻA L-KANĊER TAL-ĠILDA.

Il-ħsarat li ġġarrab il-ġilda meta tinħaraq fix-xemx flimkien mal-ħsara mid-dawl li joħroġ mir-raġġi ultraviolet iwassal għal ħsara permanenti. Mhux ix-xemx biss hija responsabbli (għalkemm din hija il-fattur ewlieni), iżda hemm fatturi oħra bħal ma hu l-ambjent ta' fejn tgħix u wkoll l-aspett ereditarju.



L-ammont ta' xemx li tkun ħadt tul is-snin flimkien ma' xi ħruq fil-ġilda li tkun sofrejt, iwasslu għal dan il-kanċer. Il-kanċer tal-ġilda jitrabba bil-mod ħafna u dik il-ħarqa li tista' tinħaraq din is-sena tista' tieħu s-snin iżda xorta tista' tiżviluppa f'kanċer tal-ġilda. Ikun aħjar jekk nevitaw l-inkwiet mill-ewwel.

Jekk il-familja taf li kien hemm min bata mill-kanċer tal-ġilda, probabbli jfisser li int għandek riskju aktar għoli. Nies b'ġilda bjonda bħal ma huma dawk ta' l-Ewropa ta' fuq għandhom riskju aktar għoli.

L-ammont ta' raġġi (uv) illum huwa aktar għoli milli kien 50 sena ilu. Dan minħabba li dik il-kisja msejħa "ozone" fl-atmosfera ta'd-dinja naqset. L-"ozone", iservi biex inaqqas r-raġġi (uv) li jaslu sa wiċċ id-dinja.

Il-kanċer tal-ġilda hija l-akbar problema, biss ix-xemx tagħmel ħsara oħra bħal tnixxef u tkemmiex tal-ġilda.

## X'NISTGĦU NAGĦMLU?

Naraw li kemm jista' jkun ma nkunux fix-xemx bejn il-11 ta' filgħodu u t-3 ta' wara nofs in-nhar.

Nindilku bi krema msejħa "sun block" kull parti tal-gisem li tkun mikxufa għax-xemx. Kull flixkun ta' "sun block" ikollu numru u l-ittri SPF. SPF tfisser " Sun Protection Factor" u n-numru jrid ikun 15 jew aktar biex ikun effettiv.

Meta mmorru l-baħar irridu napplikaw din il-krema nofs siegħa qabel ma noħorġu u mbagħad, regolari kull sagħtejn. Irridu nerġgħu napplikaw wara kull għawma. Jekk int persuna tgħereq ħafna, applika minn dil-krema spiss.

Il-ħwejjeġ ukoll jagħtu protezzjoni, nilbsu ħwejjeġ ħfief u ta' fibra naturali bħat-tajjar. L-importanti li nżommu ruħna mogħttija. Kappell tax-xemx jevita x-xemx diretta min fuq il-wiċċ u l-għonq. Nuċ ċali tax-xemx tajjeb, iħares l-għajnejn.

Lampi li jgħinuna nismaru wkoll fihom r-raġġi (uv) u jagħmlu l-istess ħsara.

Nieħdu ħsieb li nipproteġu lit-tfal sa minn kmieni. Nidilkuhom bis-sun block cream qabel ma noħorgu, iżda xorta ma nħalluhomx fix-xemx bejn il-ħdax u t-tlieta. Trabi ta' sitt xhur jew anqas ma jifilħux għax-xemx.

Inderruhom joqgħodu b'T-shirt u kappell fil-ħin li jkunu barra.

**TAJJEB INKUNU NAFU LI:** Anke meta nkunu fid-dell, nintlaħqu mir-raġġi tax-xemx, dan għaliex ir-raġġi jiġu riflessi kemm minn fuq ir-ramel, il-baħar u anke l-konkrit.



Ġurnata msaħħba ma toffri l-ebda protezzjoni, għax ir-raġġi li jagħmlu l-ħsara jgħaddu mis-sħab u jħallu l-istess effett.

Ir-raġġi tax-xemx jiġu riflessi wkoll minn fuq is-silġ. Għalhekk min imur vaganza fuq is-silġ irid juża sun block cream.

**BI PREVENZJONI GĦAQLIJA, INNAQSU R-RISKJU.**

# PRESSURE SORES

*Lawrence Bonavia*
*BSc. Nursing*



These are one of the main problems that we, as health care professionals meet in all health care settings. Their incidence vary according to the area of care, with their incidence increasing with the patients' age. Apart from causing harm and maybe death, pressure sores are also very costly to cure. Therefore, pressure sore prevention is very important and should be of utmost importance on every health care worker's agenda.

Pressure sores can be defined as any break in the skin due to pressure, friction or shear. Apart from the above mentioned causes there are various factors that increase the person's susceptibility to pressure sore formation. These can be divided into intrinsic and extrinsic factors. Intrinsic factors include: age, chronic disorders, malnutrition, circulatory problems, impaired mental awareness, reduced mobility, sensory deficit, moisture, immunosuppression and certain drugs. Extrinsic factors include: poor patient handling, low staffing levels, poor hygiene, long waiting times, enforced immobilisation, malfunctioning equipment and poor bedding. As one can see the factors that contribute to pressure sore formation are various and diverse.

Traditionally, pressure sore formation has been blamed on nursing profession. But, if one takes a good look at the previously mentioned factors, various other health care professionals play an important role in the elimination or reduction of predisposing factors. Therfore, an active pressure sore prevention policy should involve all the members of the health care team.

A prevention strategy should start with a thorough risk assessment of each patient. To do this one can use one of the various previously researched tools (e.g. Norton or Waterlow) which are available. This can help the assessor to individualise the person at risk and therefore allocate the limited resources available to those who really need them. Here one needs to mention that risk assessment should be continuous throughout the patient's hospital stay and not solely an admission procedure. The reason for this is that the patient's condition may vary throughout his stay in hospital.

After assessing the patient for risk, and allocating the necessary resources such as special bed overlays to those in need, regular turning of the patients still remains an important issue. This should be accompanied by patient rehabilitation and the treatment or removal of all predisposing factors, when possible. Two of the most important factors which are involved in pressure sore prevention are adequate nutrition/hydration and early mobilisation. By adequate nutrition I mean that the patient should be assured of well balanced diet and by mobilisation I do not mean just getting the patient out of bed on an armchair, for this in most cases increase the risk for pressure sore formation, a well structured rehabilitation programme.

This might help reduce the suffering in our patients and the financial burden that is put on our health care system to cure such wounds, some of which may take weeks to heal. Apart from the fact that less pressure sores may mean greater credibility in our health care system.




# IL-KUNTATT

Fiż-żmien meta kien qiegħed jiġi maħsub dan il-ġurnal,u la darba x-xniegħat bdew jiċċirkolaw sewwa fost l-impjegati, ħafna kienu dawk li b'interess enfasizzaw, li kienet ta' importanza, li waħda mill-paġni għandha tirrifletti l-ġurnata ta' kuljum li jgħaddu minnha nurses u midwives. Però fil-verità, il-Musbieħ, kien diġa' ħaseb dan ħafna qabel, għaliex meta ġew finalizzati l-arranġamenti kollha, ġie deċiż, li l-Musbieħ, għandu jservi ta' ġurnal informattiv, u li jagħti wkoll spazju lill impjegati msemmija. Ħafna huma dawk in-nies, li nnoċentament jistaqsu, "X'inhu propju xogħol n-nurse?"

Ma tridx tkun xi għaref, biex tipprova taħseb ftit, eżattament, x'inhi l-pożizzjoni ta' nurse, speċjalment dawk li ta' kuljum jaħartu s-swali b'kurrent qawwi ta' xogħol, dawk li ta' kuljum iridu jħabbtu wiċċhom ma' l-Out Patients, dawk li jridu jħallu lill-pazjent f'nofs leħja għax it-telefon qed iċempel,.. eċċ. Veru li kull sptar għandu d-diffikultajiet tiegħu, u din jafha kulħadd, però sfortunatament, ħafna minn dawn id-difffikultajiet jaffettwaw l-qasam tan-nursing. Ħafna drabi, nurse jixxennaq għal dipartimenti oħra, u dan jiġri mhux għax dipartimenti oħra għandhom professjoni isbaħ, iżda minħabba li għax n-nurse huwa għattxan għall dehra ferm aħjar, kemm f'għajnejn dawk ta' madwaru, kif ukoll mall-morda u qrabathom. Ħafna drabi din ix-xewqa tidher impossibli, mhux għax m`hemmx min hu ddedikat biex iwettaqha, imma għaliex din hija kwistjoni li rabbiet l-għanqbuta. Għalhekk il-Musbieħ, ser jibda jtella' numru ta` osservazzjonijiet, li nisperaw li jkunu ta' għajnuna, fit-tmexxija ta' kuljum... dejjem , jekk dawn jiġu meħuda bis-serjeta'.

Mela importanti li żżommu f'moħħkom, li din mhix ser tkun il-paġna ta' l-ittri, iżda li tilqa' fiha kummenti, ilmenti kostruttivi, tifħir, u suġġerimenti. Din hija paġna li tittella' bis-saħħa tagħkom, u b'hekk tistgħu tkunu intom stess, ta' għajnuna biex jitjieb il-post tax-xogħol tagħkom. Dawn li ġejjin huma stampa ċara ta' dak li għadu kif ġie spjegat;

• Prosit tmur lejn l-impjegati ta' l-MSU, għall-paċenzja li qegħdin jieħdu, biex dawn ifornu l-isptarijiet tagħna b'sistema kompjuterizzata, u tal-ħin utili tagħhom, meta dawn mexxew course lill-impjegati tas-saħħa rigward l-użu tal-kompjuter. L-attendenza ta' dawk kollha li attendew, kienet waħda pożittiva u mimlija entużjażmu, barra minn hekk ta' min isemmi wkoll, li kif ġew organizzati l-ħinijiet mis-swali u oqsma oħra tas-saħħa, kienu tajba ħafna.

• Is-sajf qiegħed magħna, u sajf għal min jilbes dawk il-famużi uniformijiet ikkuluriti, iffisser infern! L-MUMN, diġa' ser tħejji diversi laqgħat ma dawk li jikkonċernaw dan il-qasam. Minkejja li tqassmet ċirkulari mas-swali, biex l-impjegati jilbsu l-uniformi tas-sajf, ma dehret l-ebda bidla minn dik li kellhom fuqhom matul ix-xitwa..... ħlief uċuħ ileqqu bl-għaraq!

• X'sar min dak is-servizz ta' runners, li kienu jduru s-swali jiġbru samples għall laboratorji ? Dan kien servizz utili u li kien anke servut minn runners responsabbli .... Dan is-servizz wieqaf ... Għaliex ?



## FIL-ĦIN LIBERU

# WINE



TONY MALLIA

The wine and spirit association of Britain has sponsored the following definition of wine. "Wine is the alcoholic beverage obtained from the fermentation of freshly gathered grapes, the fermentation of which has been carried out in the district of origin and according to local traditions and practice".

Archaeological evidence suggests that wine has been made from fermented grape juice for some 8000 years. The vine 'Vitis Vinifera', grew wild in the area that used to be called Asia Minor. In the warm climate, grapes would turn to wine without the assistance of man. When ripe grapes swell and burst, wild yeast then forms and mixes with sugary juice. The yeast causes the sugar to ferment and alcohol is formed. The unaided transformation of grapes to wine and the remarkable properties of the drink seemed miraculous in the ancient world so, it was associated with gods, religion and magic.

Demand for the drink grew rapidly. Man established vineyards and by trial and error, developed new wine making techniques. The Greeks and Romans produced wines strongly flavoured with spices and herbs. These were diluted with hot water before drinking. In those times wine was stored in bulk. Greeks used large earthenware vessels and goat-skin sacks, while Romans had also wooden barrels.

By 4000 BC the wine was under primitive cultivation. The planting of vines and the making of wine spread slowly through Palestine to Egypt and later to southern Greece and Italy. Wine reached southern France at about 500 BC.

As the Roman empire declined, the Church took over wine production. In most European vineyards monks experimented with many different types of grapes and by 1600 AD certain varieties of grapes had been established as being most suitable for particular conditions of soil and climate. So each region developed one type of grape which produced a distinctive type of wine. A major change in wine was when the cork was invented and for the first time, wine could be stored in bottles for long periods. By 1860 wine making was a booming industry, when suddenly a great disaster struck. In 1869 a shipment of vines was sent to Europe from America. Unfortunately the vines carried the insect 'Phyloxera'. Within ten years it wrought havoc among most European vineyards. These crops were re-established by grafting cuttings on American vines which were resistant to 'Phyloxera' and new vineyards were established.

Since the 1860`s great advances in scientific understanding removed much of the mysteries of wine making. In the early 1950`s there was a dramatic change. Many of the items used in wine making today, such as polythene containers, glass demijohns, air locks, hydrometers and campden tablets to mention a few, were introduced. A revolution in wine making had occured. Wine clubs were opened and wine testing competitions were organised.

Wine, which Plato described as "God's greatest gift to mankind", was here to stay.



# MIS-SEGRETARJU ĠENERALI

*Kif qed taraw din l-Union, illum, għamlet pass ieħor ta' ġgant billi għall-ewwel darba ħarget dan il-ġurnal. Dan għalina huwa mportanti ħafna għaliex permezz ta' dan il-ġurnal inkunu nistgħu nikkomunikaw aħjar bejnietna. F'din il-paġna, se nkun jiena dak li ngħidilkom x'qed tagħmel l-Union għal kull wieħed u waħda minnha, waqt li f'paġni oħra se tkunu intom li tissuġġerixxu, tikkritikaw u tfaħħru l-operat ta' l-Union.*




## Rappreżentazjonijiet u Stqarrijiet.

- L-MUMN ipprotestat bil-qawwa kollha kontra t-transfers li ngħataw.
- Talbet biex jimtlew postijiet vakanti ta' Nursing u Deputy Nursing Officers.
- Talbet għall-tibdil fir-Roster għal DNRO fl-SCBU Ward, fl-Isptar San Luqa.
- Talbet għall-tibdil fir-Roster għal BBO għal Nursing u Deputy Nursing Officer San Luqa.
- Talbet Laqgħa ma' CGMO rigward fejn għandhom jiġu amessi pazjenti bi storja ta' 'drug addiction' fl-Isptar Monte Carmeli.
- Talbet laqgħa mal-Bord ta' l-Infermiera u Midwives biex niddiskutu l-possibilita' li jsir Conversion Course minn EN għal SN fl-Isptar Zammit Clapp.
- L-MUMN kitbet lill-Kumitat dwar l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex biex f'dak kollu li jirrigwarda n-Nurses u l-Midwives tiġi kkonsultata.
- Ipprotestat mall-Prim Ministru dwar il-mogħddija taż-żmien li l-Ombudsman u l-PSC, qegħdin jgħaddu fejn jidħlu l-membri tagħna rigward promozzjonijiet fil-grad ta' Departmental Nursing Manager.
- Ipprotestat mal-Prim Ministru fuq it- Tribunal għall-Inġustizzji għaliex minn għandu kawza l-Qorti jew kien ressaq il-kaz tiegħu quddiem il-Kummissjoni għall-Inġustizzji ma jistax iressaq il-każ quddiem it-Tribunal.
- Talbet lis-CGMO biex jinħarġu ċ-Ċertifakati ta' rikonoxximent għal dawk il-membri li kienu għamlu dak il-kors twil ta' 'In-Service Training'.
- Kitbet lis-CGMO u t-Teżor biex iċ-ċekk u slip tal-paga fejn jidħlu allowances jew tnaqqis jibdew ikunu aktar dettaljati u spjegati.
- Ipprotestat mas-CGMO dwar l-Uniformijiet fejn talbet waħda għas-Sajf u oħra għax-Xitwa, żraben u l-affarijiet l-oħra kollha li jagħmlu uniformi diċenti.
- Talbet għall-aġġustament fir-rata ta' 'Nursing Premium' għall-Infermiera li jaħdmu fl-Isptar Boffa u Monte Carmeli.
- L-MUMN talbet biex tiġi kkonsultata dwar it-tneħħija tal-VAT.



# AĦBARIJIET ĠENERALI.




• Ftuħ ta' l-ewwel uffiċju ta' l-Union mill-Onor. Ministru għas-Saħħa, Anzjani u Affarijiet tal-Familja, Dr. Michael Farrugia u l-President tal-Union, is-Sur Rudolph Cini, fl-Isptar Monte Carmeli.

• Laqgħa mportanti man-Nurses li jaħdmu fl-Isptar Zammit Clapp.

• Sotto-Kumitati tal-Union ġodda f'kull Sptar ġo Malta u Għawdex.

• Ġiet allokata kamra fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex biex fil-futur qarib tibda tintuża bħala uffiċju ta' l-Union.

• Permezz tal-MUMN reġa rritorna l-ħalib tal-kulur għall-impjegati fl-Isptar Sir Paul Boffa.

• Wasal għand l-Union, ftit tal-ġranet ilu, r-rapport fil-qosor dwar kif se jkun imqassam il-'Conversion Course'.

• Negozjati b`suċċess fl-Orthopaedic Operating Theatre, fl-Isptar San Luqa - l-Union tirringrazzja lil Ms. N. Farrugia, DNS, u s-Sur F. Calleja, DNM, għall-koperazzjoni tagħhom.

• Premises ġodda ta' l-Union - ix-xogħol fihom miexi b`pass imgħaġġel.

• L-Union kisbet nformazzjoni minghand l-MPO, li t-tieni parti tar-riforma ser tibda fl-aħħar ta' Ġunju.

• L-Union tifraħ bl-aħbar li ġie ppublikat il-Kodiċi tal-Etika ta' nurses u midwives. Tqis dan l-avveniment bħala pass ta' ġgant għall-'Professional Status'.

• Laqgha ta' kortesija ma' l-E.T. Mons. Gużeppi Mercieca fejn gew diskussi suġġetti ferm interessanti.

• Laqgha oħra ta' kortesija ma' l-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonnici, President ta' Malta, fejn l-Union ippreżentat ċekk ta' Lm50 ghall-Community Chest Fund.

• Kompetizzjoni b'suċċess tal-Membri dwar il-Logo ta' l-Union. Prosit lil kull min ikkontribwixxa għal din il-kompetizzjoni.



Membri tal-MUMN waqt preżentazzjoni ta' check lill-President l-E.T. Ugo Mifsud Bonnici għal Community Chest Fund

# EJJEW NIDĦQU FTIT



## Fi skola...

**Surmast:** Tabone, taf x'ikun il-barometru?

**Tifel:** Il-barometru huwa dak it-termometru li jimmarka d-deni ta' l-arja.



## Fil-Politika...

**Tifel:** Pa, min ikun traditur fil-politika?

**Missier:** Dak, li mill-partit tagħna jmur mal-partit l-ieħor.

**Tifel:** U dak, li mill-partit l-ieħor jiġi mal-partit tagħna?

**Missier:** Eh, ibni, aħna ngħidu li dak, ikkonverta.

*1. Liema hija dik, il-ħaġa li qatt ma tagħmel mistoqsija, u fl-istess ħin trid tweġiba kull ħin?*

*2. X'qatt ma kellu Adam, u b'dana kollu pprovda tnejn għall kull wieħed minn uliedu?*

*3. Min huma dawk in-nies li huma l-iżjed b'saħħithom?*




Tweġibiet:
1. Il-Qanpiena tal-bieb.
2. Ġenituri.
3. Il-fotografi, għax dawn dejjem jiżvilupaw.


SUZUKI

Small Powerhouses with the capacity to fill your needs




SV4000SE
max. Output: 4.0KVA/60Hz
Dual Voltage types available

- P.E.I. Pointless Electronic Ignition
- Loop Charge Fuel Induction
- Stainless Steel Water Pump Housing (except 2.2)
- Dual Output Alternator (15, 9.9, 8, 6)
- ThroughProp Hub Exhaust (15, 9.9)
- Above Prop Exhaust (8, 6, 5, 4, 2.2)

Local Distributors: Zarb Stores Limited
13, New Street LUQA Tel: 809304, 665686 Fax: 664034

# CHICKENPOX AND ITS IMPACT
# ĠIDRI R-RIĦ



Chickenpox, which is caused by the varicella-zoster virus, is characterised by fever and a widespread blister-like rash. It is one of the most easily transmissible diseases, and is therefore highly contagious.

Although chickenpox-related complications are relatively rare among healthy children, chickenpox can be dagerous in the very young, in pregnant females and in the immuno compromised.

In most cases,chickenpox during childhood is not a life-threatening condition. However it can cause major financial and social problems to parents in lost working time spent looking after their sick children, while the children themselves suffering from the disease, loose valuable time away from school.




Medical costs should be considered. These can involve hospital and doctor's fees plus costs of medicines prescribed. Moreover, if an adolescent or adult becomes ill, the problems resulting from lost work or studying time are even greater.



As no curative treatment exists, the solution to the chickenpox problem is prevention, through vaccination; the vaccine has proved to be well tolerated in clinical trials in young children and to provide long-term protection against chickenpox.

*Medical content approved by the Malta College of Family Doctors (1997)*


GET AN ULTRA FIRM GRIP ON YOUR DENTURES
ACH-OOO
ACH-OOO
COREGA ULTRA
EXTRA - FORTE EXTRA STRONG
HOLDS QUICKER, HOLDS STRONGER, HOLDS LONGER.
You can eat any food with confidence using the best denture fixative cream ever made; one application keeps dentures in place for up to 12 hours.


SENSODYNE
Toothpaste
for Sensitive Teeth
SENSODYNE Gel
SENSODYNE
SENSODYNE
SENSODYNE F
SENSODYNE
SENSODYNE


COREGA
FOR YOUR COMPLETE DENTURE CARE
COREGA TABS
BIO
SUPER COREGA LIQUID
COREGA ULTRA
COREGA ULTRA
EXTRA - FORTE EXTRA STRONG
Sole Agents: Joseph Cassar Ltd.
54, Melita Str., Valletta.
Tel: 244510/236908


Ederma
Wound ointment and skin protection cream
Ederma
Ederma
Skin protection cream particularly ideal for babies and old people.
Sole Agents:
JOSEPH CASSAR LTD.
54, Melita Str., Valletta.
Tel: 236908


SB
Power to hit pain
...Where it hurts
PERIOD PAIN
DENTAL PAIN
MIGRAINE
COLD & FLU SYMPTOMS
HEADACHE
BACKACHE
MUSCLE & RHEUMATIC PAIN
Solpadeine
Available only from your pharmacy
SmithKline Beecham
Consumer Healthcare
SmithKline Beecham Consumer Healthcare, Brentford, TW8 9B[
Always read the label
For more information on these products please consult your pharmacist
Ingredients: Paracetamol 500mg, Codeinphosphate 8mg, Caffeine 8mg


PATRICK'S WOODWORK
GHAL KULL XOGHOL
TA' INJAM U SPRAY
PREZZIJIET MODERATI
Mobile: 099 5340


FRA
MENTHOL
SPRAY
FRA Menthol Spray is a UNIQUELY formulated spray for the fast effective relief of colds.
Innoccuous, Non-Toxic, and Non-Staining.
ACTIVE INGREDIENTS: MENTHOL, THYMOL, EUCALYPTOL
Spray-Pack Ltd.
37, Valletta Road, Qormi Qrm 05, Malta.
Tel: 443407, 491236. Fax: 488591.